KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 46

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa The Palace Hotel.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Emanuel Borg | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6.15pm:*

*46.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 44 u 45;*
*46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*46.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*46.5 Rapporti ;*
*46.6 Items Oħra ;*
*46.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*46.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*46.9 Mozzjonijiet ;*
*46.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 46.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

46.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsilliera D.Muscat, E.Borg u P.Portelli talbu biex ikunu skużati. Kien hemm qbil unanimu li jkunu skużati.

## 46.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 44 U 45

46.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 44 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier W.Vella Baldacchino ppropona li l-Minuti jiġu approvati u l-kunsilliera Illona Fenech issekondat. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 44 u 45*

46.2.2 Dwar punt 44.3.4 is-Sindku qal illi n-nies bdew japplikaw għall-iskema tal-ispikes u l-vents u staqsa dwar kif se tinħadem. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-kuntrattur tal-ispikes għandu jara kif se jaħdem fil-presenza tas-sidien. Minn naħa tal-Kunsill aħna għandna nipprovdu cherry picker u naraw illi minn japplika għall-vents u l-ispikes, illi x-xogħol isir darba. *Kontroll ta' ħamiem*

Is-Sindku ppropona li nagħmlu kuntatt ma' EneMalta sabiex isiru pipes fuq il-wires tagħhom fejn joqogħu l-ħamiem, sabiex il-ħamiem ma jkunux jistaw joqogħdu fuqhom.

Kien hemm qbil illi jsir laqgħa maż-żewġ kuntratturi fejn niddiskutu magħhom kif l-aħjar li x-xogħol ikun ikkoordinat.

46.2.3 B'referenza għall punt 44.3.5 is-Sindku qal illi t-tiġieġ se jitneħħew temporarjament. Meta titlesta x-xibka se jitpoġġew ftit minnhom lura. *Tiġieġ: Ġnien Independenza*

46.2.4 Fuq punt 44.3.7 is-Sindku qal illi, la ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa, xtaq ifakkar illi l-isqaq għanda tibqa miftuħa b'ordni ta' TM. Qal illi la qed isiru kontravenzjonijiet, hemm bzonn illi ssir izjed *Sqaq triq it-Torri*

pressjoni fuq l-awtoritajiet biex joħorġu l-multi.

46.2.5 B'referenza għal punt 44.3.10 is-Sindku qal illi nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju se jsir laqgħa mall-MTA u se jitlob illi l-powerwashes, kif ukoll l-ħsarat illi hemm fil-bajjiet, jiġu indirizzati minn naħa tagħhom u mhux mill-Kunsill. Fakkar illi r-responsabilitajiet tal-bajjiet huma tas-CSD u l-MTA. *Power-washes: Bajjiet*

46.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 45, dwar il-ġurament tas-Sindku u tal-Viċi Sindku, intbagħtu qabel il-laqgħa. Il-kunsillier D.Soler ippropona li jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain issekondaħ. *Minuti nru. 45*

## 46.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

46.3.1 Ma kien hemm l-ebda korrespondenza.

## 46.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

46.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 46.5 RAPPORTI

46.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saret l-evalwazzjoni tat-tender tal-vettura li se tintuża bħala Council Cab fejn kien hemm persuna waħda li bbidja u li l-evalwatturi qablu li kien konforma ma' dak illi tlabna. Il-kunsillier D.Soler ippropona li r-rapport tiġi approvata. Il-kunsilliera I.Fenech issekondat. Kien hemm qbil unanimu. Tender: Electric Vehicle

46.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saret l-evalwazzjoni tat-tender tar-restawr tan-niċċeċ fejn kien hemm persuna waħda li bbidja u li l-evalwatturi qablu li kien konforma ma' dak illi tlabna. Il-kunsillier D.Soler ippropona li r-rapport tiġi approvata. Il-kunsillier J.Dougall issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. Tender: Niċċeċ

## 46.6 ITEMS OĦRA

46.6.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux possibli li nuzaw il-mezzi soċjali biex nispjegaw illi l-Ficus li hemm fl-area ta' Taormina se jinżabru wara s-sajf. Siġar: Taormina area

46.6.2 Il-Viċi Sindku qal illi reġa hemm ammont ta' qtates li qegħdin joqogħdu fuq il-bankijiet ta' Ġnien Independenza.. Is-Sindku qal illi dawk il-bankijiet huma għan-nies u għandom isiru 'djar' adekwati sabiex joqogħdu fihom il-qtates la dawk illi saru fil-passat mhumiex tajbin. Il-Viċi Sindku qal illi hemm ammont ukoll fejn l-area ta' Dixies. Qtates

Fustun

46.6.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemm qbil illi terġa ssir fustun mall-Promenade. Kien hemm qbil. Is-Sindku qal illi se jara mall-MTA jekk huma lesti jagħmlu parti huma. Dawn għandom jixgħelu bejn 15 Ġunju u 30 ta' Settembru.

46.6.4 Il-Kunsillier K.Wain qal illi għad hemm problema dwar l-aċċessibilita fuq il-bankini minħabba l-boroz illi jitħarġu kmieni

46.6.5 Il-kunsillier J.Dougall qal illi hemm bzonn isir manutenzjoni mall-konfini ta' San Ġiljan fejn kien hemm inċident u tħalliet fil-perikolu.

46.6.6 Il-kunsillier V.Galea Pace qalet illi hemm bzonn illi jiġu mibdula qsari. Is-Sindku qal illi mhux sew illi l-kuntrattur il-ġdid jeħel minħabba l-iżbalji ta' dak preċedenti, izda dawn in-nuqqasijiet qegħdin jiġu indirizzati. Żied illi m'hu se jitħawwel xejn, fejn hemm bzonn, fil-preżent qabel ma naraw fuq l-irrigation. Qsari

46.6.7 Il-kunsilliera V.Galea Pace qalet illi rċeviet it-talba sabiex isiru stands ta' ritratti li juru l-lokalita 'Before and After'. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-passat kien hemm qbil izda wara dan talab ammont ta' flus u ma kienx hemm qbil illi nħallsu. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni li din l-attivita ssir. Before and After

46.6.8 Il-kunsillier D.Soler talab għal update dwar ir-Residential Parking. Is-Sindku qal illi għad hemm question mark fuqha. *Residential Parking*

46.6.9 Il-kunsilliera I.Fenech qalet illi intbagħtu emajls għal rikwest ta' stimi biex isiru klassijiet ta' self-defence u wieħed biss irrisponda. Ippropona li l-klassijiet ikunu għal dawk taħt 17 il-sena u minn 17 sa 65 il-sena. Għal kull klassi ta' 15 sa 20 ruħ l-ammont se tkun ta' €150 u se jkun hemm 4 jew 5 sezzjonijiet ta' siegħa/siegħa u nofs. Kien hemm qbil mall-ideja, kif ukoll illi jkun hemm registration fee ta' €10. Self defence

46.6.10 Il-Viċi Sindku staqsa dwar iz-zebra crossing ta' fejn ir-Reġina u jekk din tista tiċċaqlaq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-trial ma ħadmitx u TM mhumiex kuntenti u b'hekk ma jaħsibx illi se tiġi estiża li jaħdmu bil-mod illi qegħdin jaħdmu issa. Regina Hotel

Is-Sindku qal illi għandna nitolbu li ssuir traffic count, kif ukoll tiġi installata kamera li tħares lejn ix-xogħolijiet il-ħin kollu. Qal illi provviżorjament għandna naraw illi triq Għar il-Lembi tiġi one-way 'il fuq u li jixtieq jagħmel laqgħa magħhom.

46.6.11 Il-Viċi Sindku staqsa jekk xi ħadd jista jgħin minħabba l-problema li hemm dwar l-iskart. Is-Sindku qal illi se jiltaqa mall-Contracts Manager izda żied illi l-kunsillier responsabbli għandu juri izjed inizjattiva u żied illi se jerfa r-responsabbilta tad-dekasteru hu stess. Miegħu se jkun hemm tlett kunsilliera oħra li flimkien se jkunu qegħdin jagħmlu rapporti fuq il-problemi. Skart

46.6.12 Il-kunsillier P.Radmilli talab illi ssir laqgħa ma' Onor. Zrinzo Azzopardi fejn jiġu wkoll mistednin l-għaqdiet. Dan sabiex niddiskutu l-problema li hemm bl-applikazzjonijiet li kienu saru u li waqqfu minħabba l-MoU li għanda ssir bejn il-PA u L-Curia. Laqgħa ma' Onor Zrinzo Azzopardi

46.6.13 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm bzonn tittieħed deċiżjoni dwar il-kabini. Wara diskussjoni kien hemm qbil bil-proposta tas-Sindku li ż-żona magħżula għanda tkun bejn triq Sant' Antnin u triq il-Madonna ta' Sacro Cuore. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta. Kien hemm qbil unanimu. Kabini

Se ssir l-emenda tal-Bye-law.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla.**

46.6.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Segretarju Eżekuttiv ta' Naxxar, is-sur Paul Gatt, illi fil-passat kien aġġixxa bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Tas-Sliema, aċċetta t-talba sabiex ikun id-Deputat tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu. Deputat Segretarju Eżekuttiv

46.6.15 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-Public Conveniences talab biex ikun informat liema siegħat, u fejn, hemm bzonn ta' attendent. Kien hemm qbil illi ikun hemm persuna li jdur wara nofsinhar izda l-ħinijiet se jiġu stipulati izjed tard. Attendent

46.6.16 Is-Segretarju Eżekuttiv talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-

amministrazzjoni tkun tista tkompli bil-preparazzjonijiet mandatorji mall-Bank sabiex is-Sindku jidher bħala il-co-signer il-ġdid u li dawn għandom bzonn il-Minuti sabiex din isir. B'hekk talab għall-approvazzjoni qbil illi s-Sindku ikun co-signer, kif ukoll ikun jista jagħmel użu ta' Internet Banking biex isiru pagamenti. Kien hemm qbil unanimu.

46.6.17 Is-Sindku qal illi għandna naraw liema stabbilimenti qegħdin juzaw partijiet pubbliċi b'mod irregulari. Il-kunsillier P.Radmilli qal għandna naraw ukoll kemm qegħdin iħallsu fis-sena. Encroachment

46.6.18 Is-Sindku qal illi hemm bzonn isiru showers ġewwa Ġnien Independenza, fejn il-Public Convenience. Showers: Ġnien Independenza

46.6.19 Is-Sindku qal illi fil-lokalita hemm dog-friendly beach izda ma tantx tagħmel sens li din qegħda fejn qegħda. Qal illi talab laqgħa mas-Segretarju Parlamentari u se tiġi diskussa fejn possibilment għandom isiru izjed minnhom fil-lokalita. Bajjiet għall-klieb

46.6.20 Il-kunsillier P.Radmilli talab illi ssir laqgħa mall-Każin tal-Karmnu biex tiġi diskussa l-pass li jmiss rigward l-applikazzjoni tagħhom għad-DPF. Dan wara li l-applikazzjoni għall-fondi għall-proġett tagħhom ma ġietx akkolta waqt l-appell illi saret quddiem il-Bord tal-PA. Każin tal-Karmnu: Appell re applikazzjoni tad-DPF

46.6.21 Il-kunsillier P.Radmilli talab illi ssir laqgħa mall-Periti tal-proġett tal-Community Gardening u li din il-laqgħa ssir fil-ġnien stess. Community Gardening: Norway Grants

## 46.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

46.7.1 Il-kunsillier P.Radmilli bħala Chairperson tal-kumitat tal-fondi qara rapport dwar laqgħa li seħħiet nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju fejn dawk preżenti qablu li l-Kunsill japprova €1miljun għall-proġett tal-Car Park u l-bqija tal-€4.2 miljun illi applikajna għalihom inizjalment jintużaw għall-proġetti oħrajn. Dettalji dwar kif ġew maqsuma jinstabu fid-dokument 'Projects Budget 2022' anness ma dawn il-Minuti.

**Fl-21.45pm il-kunsillier D.Soler talab illi jkun skużat. Is-Sindku fakkar illi fil-passat ġie deċiż illi la jkun hemm qbil biex il-laqgħa titkompla wara tlett sigħat sabiex kulħadd jibqa sal-**

**aħħar. Il-kunsillier D.Soler ħareġ mill-kamra fl-21.45.**

46.7.2 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kull darba li ssir applikazzjoni għal ring-fencing, nitolbu li l-ammont titnaqqas minn dik tal-Car Park, fejn permezz ta' Public Private Partnership għandna nitolbu lil privat biex iħallsu l-ammonti dovuti biex il-proġett isir.

46.7.3 Kien hemm qbil unanimu mall-proposti ta' 46.7.1 u 46.7.2.

**46.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

46.8.1 Il-kunsillier P.Radmilli talab illi naraw x'ħallasna diġa lil periti rigward il-proġett tan-niċċeċ u żied illi ma jaqbilx illi nħallsu extra għal dik ta' Church str. peress illi konna tlabna għal 15 in-niċċa u saru 15.

46.8.2 Is-Sindku staqsa għal xiex inxtrat l-injam taħt nru. 43 fl-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intuża għall-area taħt Taormina.

46.8.3 Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier J.Dougall issekondaħ. Approvazzjoni tal-pagamenti

**46.9 MOZZJONIJIET**

46.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**46.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

46.10.1 Is-seduta ntemmet fid-22.20. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju, 2022 fis-6pm

Minuti approvati llum 13 ta' Ġunju 2022

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **John Pillow** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |